# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Tnejn tletin (30) ta' Mejju, 2016.**

**Rikors Numru 262/14 FDP**

**Mirage Holdings Limited**
**(C 6808)**

**vs**

**Sandro Bianchi**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Awissu 2014 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lil-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u erbghin Euro (€6,664) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut izda mhux imhallsa.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-proceduri tal-affissjoni u dana billi twahhlet l-avviz u l-avviz tas-smiegh gewwa l-Kunsill Lokali Ta' Sliema, l-Ghassa tal-Pulizija, Sliema u fl-indirizz ta' l-intimat 15/1, Triq

Howard, Sliema (fol 19 tergo), kif ukoll l-avviz gie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal 24 ta' Marzu 2016 (fol 20) u fil-gazzetti In-Nazzjon u The Malta Independent tal-21 ta' April 2016 (fol 23-24)

Illi fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2016 s-socjeta attriciipprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 26).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut gie imsejjah diversi drabi izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma sitt elef, sitt mija u sitta u erbghin Euro (€6,664) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**